# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 464/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Peter ABELA (ID. Nru. 41560M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmi ta' euro [€645.78c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija hamsa u erbghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€645.78) in kwantu ghal tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€325.98) in konnessjoni ma' servizz ta' internet fuq 21470962 (AC40128018) u tlett mija u dsatax-il

Ewro u tmenin centezmu (€319.80) in konnessjoni mas-servizz telefoniku fuq 21651781 (AC10167065).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li s-socjeta rikorrenti, fis-seduta tal-lum, resqet nota li permezz taghha cediet t-talba stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li fis-seduta tal-lum Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha li l-hlas tas-sorte sar fit-28 ta' Ottubru, 2015.

Ra li Dott. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti talbet il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmi ta' euro [€645.78c], in kwantu ghal tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€325.98) in konnessjoni ma' servizz ta' internet fuq 21470962 (AC40128018) u tlett mija u dsatax-il Ewro u tmenin centezmu (€319.80) in konnessjoni mas-servizz telefoniku fuq 21651781 (AC10167065).

   Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet illum stess u kkonfermat li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri thallsu fil-mori tat-Talba u cioe fit-28 ta' Ottubru, 2015.

3. Ra n-nota ta' cessjoni, mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum, li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

   Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-intimat baqa ma ressaq l-ebda provi minkejja li kellhu kull opportunita li jaghmel dan.

5. Il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

6. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

7. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

8. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

9. It-Talba odjerna tresqet fit-3 ta' Gunju, 2015 u kien biss fit-28 ta' Ottubru, 2015 li thallas is-sorte mill-intimat lis-socjeta rikorrenti.

10. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-ispejjez hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

11. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ispejjez tat-Talba huma dovuti mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba ghar-rigward tas-sorte, in vista tan-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum, qieghed jilqa t-talba

taghha ghar-rigward ta' l-ispejjez u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**